# Dun Santo Agius

## (1861-1931)

## *Benefattur kbir tal-Qrendi*

Maria Consiglia Abdilla

***Kienu bosta s-saċerdoti Qrendin li taw kontribut kbir lir-raħal ċkejken tagħhom. Illum ser nagħtu tagħrif dwar żewġ saċerdoti li ddedikaw ħajjithom għall-ġid spiritwali u materjali ta' ħuthom Qrendin.***



Dun Santo Agius, l-ikbar fost sitt aħwa, twieled fit-12 ta' Lulju 1861, iben Leonard Agius u Marianna née Zammit. Il-familja ta' Dun Sant (għax hekk kien magħruf) kont tgħoddha bħala familja fqira, fejn il-missier kien jaħdem ir-raba' u ma jistax jonqos li t-tfal kellhom jgħinu wkoll. Il-familja ta' Dun Sant kienet bieżla, ħabrieka u magħquda. Id-dar fejn kienu joqgħodu, fi Triq il-Parroċċa, quddiem ir-residenza tal-kappillan, kienet tagħhom, għalkemm kien hemm ftit dejn fuqha, kif naraw aktar 'il quddiem.

Dan iż-żmien li qed nikteb fuqu kien żmien ta' faqar kbir. Il-faqar iġib miegħu nuqqas ta' bżonnijiet l-aktar meħtieġa, u ma jħallikx tippjana għall-bogħod. U minn hawn nistgħu nifhmu u naslu f'konklużjonijiet għaliex ħafna ġenituri ma kenux jibagħtu lil uliedhom l-iskola:- kienu jżommuhom id-dar biex jgħinuhom fix-xogħol u jġibu xi sold għall-familja. Dun Sant mill-ewwel wera l-ħajra għall-iskola u l-ġenituri tiegħu laqgħu bil-ferħa d-deċiżjoni tiegħu. Mexa 'il quddiem u meta spiċċa l-iskola tar-raħal xtaq ikompli jistudja għal qassis. Dan kien ifisser sagrifiċċju finanzjarju kbir, imma kull membru tal-familja għen.

Sadanittant, ħut Dun Sant tfarfru u bdew jaħdmu xi ġurnata man-nies fir-raba'. Fl-għelieqi tagħhom żiedu jkabbru l-prodotti għas-safar, bħal patata, qoton u kemmun. Kien b'dawn il-flus li l-familja ta' Dun Sant xtrat id-dar fejn kienu joqogħdu. Dun Sant kompla l-istudju tiegħu u wasal biex jiġi ordnat saċerdot. Dak iż-żmien biex wieħed isir qassis ried ikollu l-patrimonju:- jiġifieri proprjetà li tirrendi xi dħul fis-sena. Il-knisja kienet tesiġi dan biex tiżgura li l-qassis ikollu biex jgħix. Bħala patrimonju l-ġenituri ta' Dun Sant, bil-kuntentizza ta' l-aħwa tawh id-dar fejn kienu joqogħdu, iżda billi kien hemm xi dejn, ma setax isir qassis. Hawn indaħlu ħutu, u bejniethom ġabru s-somma meħtieġa biex jitħallas dan id-dejn, u Dun Sant ġie ordnat qassis... u l-Qrendi feraħ li wieħed minn uliedu ħaddan il-ħajja saċerdotali.

Dun Sant qeda b'żelu u ħeġġa kbira d-dmirijiet saċerdotali tiegħu. Il-kelma tiegħu, ħafifa u mexxejja, kienet tiġbed ħafna nies għall-priedki tiegħu. Il-puntwalità u l-ġabra fil-quddiesa kienu jġegħluk tinġabar aktar fik nnifsek. Ma kienx rari li tara lil Dun Sant sejjer lejn il-Knisja f'ħinijiet strambi, għax kien ikun miftiehem ma' xi ħadd biex iqarru. U kemm il-darba kont taraħ sejjer imleflef ġol-kappa bil-kappell f'rasu, iġorr is-Sagrament u l-Griżma tal-Morda biex jassisti lil xi moribond.

Barra minn dawn id-dmirijiet, Dun Sant kien iwettaq ħidma soċjali mportanti ħafna mill-uffiċċju tad-dar tiegħu. Bħal ma għidt aktar 'il fuq, fir-raħal tista' tgħid li ħadd ma kien jaf jaqra jew jikteb... allura kull meta xi ħadd kien jirċievi xi karta araħ sejjer għand Dun Sant biex jaqrahielu... u Dun Sant qatt ma rrifjuta li jgħin. Għax trabba fil-faqar Dun Sant kien iħoss ħafna għall-fqir u kien iħobb li l-ġustizzja tkun imħaddma ma' kulħadd.

Kien riċerkatur kbir u l-ħin liberu tiegħu kien iqattgħu fl-uffiċċju jqalleb fil-kotba. Kellu għal

qalbu l-**ġuljana** u kien iżommha aġġornata sewwa. Kont trid tarah iterraq bil-mixi għall-irħula fil-qrib taż-Żurrieq u l-Imqabba, biex jiġbor informazzjoni dwar il-magħmudijiet, żwieġijiet u mwiet, biex jitniżżlu fil-**ġuljana**, u jsiru r-riċerki li mhux l-ewwel darba li ssarrfu f'xi legat lil xi żagħżugħ jew żagħżugħa li jkunu għażlu jew żwieġ jew ħajja reliġjuża. L-elementi tan-natura, xita, bard, riħ, xemx, shana, qatt ma qatgħulu qalbu għal dan ix-xogħol u mhux l-ewwel darba li kont tarah ġej riekeb fuq xi karrettun ta' xi bidwi li jkun ġej lejn id-dar u joffrilu biex jaqtgħu passejn. B'dan il-tiftix fuq il-guljana, Dun Sant sab każi fejn ġid kien qed jitgawda minn persuni li ma kellhom ebda dritt għalih, filwaqt li dawk il-persuni li kellhom dritt igawduh, kienu tallaba mejta bil-ġuħ. Hekk ġara lil waħda tallaba li meta Dun Sant qalilha bil-ġid li għandha ma riditx temmen. Dun Sant offrielha li hu jagħmel ir-riċerka u hi tħallsu jekk u meta il-ġid jaqa' f'idejha. It-tiftix sar u... bħal ma kien qalilha Dun Sant din it-tallaba kienet sinjura:- tassew kellha dak il-ġid. Bi ħlas tagħtu għalqa li aktar tard kellha tinbiegħ biex jitħallas id-dejn li Dun Sant kien għamel biex bena l-iskola.



L-imħabba lejn raħal twelidu kienet kbira. Issa l-gvern kien beda jibni l-iskejjel fl-irħula qrib, imma ħniena għall-Qrendi ma kienx hemm. Allura fejn ma wasalx il-gvern, wasal Dun Sant u bi flusu u fuq art tiegħu, Dun Sant beda l-bini ta' skola ġdida:- dik ta' Triq iż-Żurrieq, skola li għal dak iż-żmien kienet lussu. Kienet skola bi tmien klassijiet kbar u arjużi, żewġ intrati, b'żewġ kontra ntrati, żewġ btieħi kbar, toilets u ilma, dawn ta' l-aħħar żewġ bżonnijiet li kont issib fi ftit djar tas-sinjuri f'dak iż-żmien.

Din l-iskola baqgħet isservi l-iskop li għalih nbniet sa ma nbniet l-iskola l-ġdida li nafu llum fl-1959. Minn jaf kemm tfal Qrendin ħadu l-bidu ta' l-edukazzjoni tagħhom f'din l-iskola! Kemm għandna nkunu grati lejn Dun Sant aħna li għandna ħamsin sena jew fuqhom. Iżda ġara li Dun Sant għamel kalkoli ħżiena, għaliex il-bini ta' l-iskola ġie jiswa ħafna iżjed milli ħaseb Dun Sant, u biex ikompli l-bini ta' din l-iskola kellu jissellef somma flus. Is-self iġib miegħu l-imgħax u Dun Sant miet bħal ma trabba... fqir.

Wara marda qasira Dun Sant miet fl-eta ta' sebgħin sena. Kien it-18 ta' Awissu 1931. Ma' l-ewwel tokki tal-mewt fir-raħal waqa' luttu kbir. Il-ħwienet kollha tal-merċa, tax-xorb, tal-laħam u l-Każini, għalqu bieba waħda u waħħlu faxxa jew ċoff iswed mal-bieb. Lil Dun Sant keffnuh bil-paramenti sagri u poġġewh ġo speċi ta' tebut mikxuf. L-għada, l-ġurnata tal-funeral, ħafna nies inġabru ħdejn id-dar biex jakkompanjawh u jagħtuh l-aħħar tislima. Il-Fratellanzi kollha tal-Qrendi ħadu sehem. Ħadu sehem ukoll xi reliġjużi u saċerdoti minn irħula fil-qrib. Il-Kleru tal-parroċċa mexxa l-funzjoni. Dun Sant kien maħbub u stmat ħafna minn nies u dan xehedu n-numru kbir ta' parroċċani li akkompanjawh.

Sfortunatament, erba' snin u nofs qabel ukoll kien sar funeral ta' saċerdot fil-Qrendi. Din id-darba kien saċerdot żgħażugħ... Dun Mattew Magro, li twieled fis-16 ta' Ottubru 1896, iben Agostino Magro u Giovanna née Agius - oħt Dun Sant. Dan miet l-isptar wara żewġ operazzjonijiet fl-età ta' tletin sena. Dun Mattew Magro miet fid-29 ta' Jannar 1927.

Il-karru li wasslu mill-isptar waqaf ħdejn il-knisja tas-Salvatur. X'ħin wasal il-Kleru tal-Qrendi, tpoġġew berittin u stola fuq it-tebut u beda l-korteo b'ħafna nies jakkompanjawh.

Il-familja Agius tat żewġ benefatturi kbar lill-Qrendi. J'Alla jkollna familji oħra bħalha sabiex ir-raħal tal-Qrendi jkompli jibbenefika minn persuni qaddisa li jpoġġu l-interessi ta' ħuthom qabel tagħhom.

N.B. Is-Soċjetà tagħna Filarmonika LOURDES diġà kitbet uffiċjalment lill-Kunsill Lokali tal-Qrendi fejn talbet li bħala rikonoxximent isemmi triq għal DUN SANTO AGIUS (1861-1931).

Tarcisio Vella
Segretarju Ġenerali